**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 955/2024 MS*

**L-Avukat Dr. Rachel Saliba**

**Vs.**

**Principal Search Consulting Malta Ltd**
**u**
**Zoltan Biro**

Illum, 27 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fit-30 ta' Awwissu 2024, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

> **Dikjarazzjoni tal-Fatti:-**
>
> Illi l-attriċi kienet toffri servizzi ta' konsulenza u assistenza legali lill-konvenuti għal diversi snin, u wkoll kienet ġiet

appuntata segretarja tas-soċjeta' konvenuta Principal Search Consulting Malta Ltd (C 95165) fil-vesti tagħha ta' *corporate service provider*, b'effett mill-05 ta' Ottubru 2021, u dan kif jirriżulta mill-*Form K* li kienet ġiet sottomessa lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'A'**.

Illi l-attriċi irriżenjat mill-kariga tagħha ta' segretarja tas-soċjeta' konvenuta, b'effett mill-11 ta' Ottubru 2023, u dan kif jirriżulta mill-*Form K* li kienet ġiet sottomessa lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'B'**. B'effett mill-istess data, hija waqfet tagħti konsulenza u assistenza legali lill-konvenuti.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru tas-sena 2023, il-konvenut Zoltan Biro, kemm personalment kif ukoll fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' konvenuta, kien iffirma dikjarazzjoni, minn issa 'l quddiem riferita bħala d-"**Dikjarazzjoni**", kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'Ċ'**, permezz ta' liema rrikonoxxa illi s-segwenti ammonti huma dovuti lill-attriċi:

*(a) "The amount of Eur13,200 (excluding VAT) in relation to your acting and holding office as company secretary of the Company.*

*(b) The amount of Eur16,000 (excluding VAT) in relation to consultancy services."*

Illi ai termini tal-istess Dikjarazzjoni, kien ġie espressament stipulat li:

*"(c) In respect of the certain, liquid and due payment indicated in (a) above, the Company shall pay the amount of Eur3,200 (excluding VAT) by no later than 30th November 2023 and the balance of the remaining balance of Eur10,000 (excluding VAT), in two equal successive instalments of Eur5,000 (excluding VAT) each at the end of each successive month thereafter – i.e. Eur5,000 (excluding VAT) by 31st December 2023 and a further Eur5,000 (excluding VAT) by 31st January 2024.*

*(d) In respect of the certain, liquid and due payment indicated in (b) above, the Company shall pay the sum of Eur6,000 (excluding VAT) by not later than 26th February 2024 and the remaining balance of Eur10,000 (excluding VAT) shall be payable by not later than 26th March 2024."*

Illi, inoltre, il-konvenut Zoltan Biro kien ukoll, ai termini tad-Dikjarazzjoni, espressament iddikjara li:

*"If the Company fails to make any payment on or before the repayment date indicated in (c) and (d) above, the Company shall lose the benefit of time, and the entire balance then due shall become immediately due and you may take all action for the recovery of the full amount, which amount shall also include interest at the highest applicable rate allowed at law, calculated from the date of this letter until the date of full settlement.*

*Furthermore, I shall personally guarantee the obligations of the Company undertaken in this letter of commitment, and hereby stand as surety, in solidum with the Company and hereby personally guarantee the payment of such outstanding payments."*

Illi l-ammont dovut għas-servizzi prestati bħala segretarja tas-soċjeta' konvenuta ma jattrattax VAT, filwaqt li l-ammont dovut għas-servizzi prestati bħala konsulenza legali jattratta VAT, u għaldaqstant l-ammont totali ta' *consultancy services*, inkluż VAT, jammonta għal tmintax -il elf, tmien mija u tmenin Ewro (€18,880), ċioe' l-ammont ta' sittax -il elf Ewro (€16,000) u tmintax fil-mija (18%) VAT.

Illi għaldaqstant, l-ammont totali dovut kien dak ta' tnejn u tletin elf, u tmenin Ewro (€32,080), ċioe' l-ammont ta' tmintax -il elf, tmien mija u tmenin Ewro (€18,880) u tlettax -il elf u mitejn Ewro (€13,200).

Illi mid-data tad-Dikjarazzjoni sal-lum il-ġurnata, il-konvenuti ħallsu biss it-total ta' ħamest'elef u seba' mitt Ewro (€5,700), u ma wettqu ebda pagament ieħor, bi ksur tad-dispożizzjonijiet u l-obbligi assunti minnhom ai termini tad-Dikjarazzjoni.

Illi konsegwenza ta' dan, il-konvenuti huma llum -il ġurnata debituri *in solidum* tal-attriċi fl-ammont totali ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u tmenin Ewro (€26,380), rappreżentanti l-bilanċ bejn it-total indikat fid-Dikjarazzjoni u tal-pagament li sar minn dakinhar.

Illi l-attriċi kemm -il darba kkuntattjat lill-konvenut Zoltan Biro fir-rigward tal-ħlas surriferit, inkluż permezz ta' ittra legali datata d-9 ta' Jannar 2024, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'D'**, permezz ta' liema hi interpellat lill-konvenuti għall-ħlas, b'riferenza

għall-fatt li l-konvenuti kienu kisru t-termini u kundizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni ffirmata minnhom.

Illi l-attriċi kienet ukoll intavolat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-*Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili* (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) nhar il-15 ta' Marzu 2024 (bin-numru ta' riferenza 635/2024), kopja informali ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'E'**, kif ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment (bin-numru ta' riferenza 621/2024), kopja informali ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument 'F'**, għall-ħlas tal-ammont ta' sebat elef u ħames mitt Ewro (€7,500), rappreżentanti l-parti tat-total dovut, ċioe' dak dovut fir-rigward tas-servizzi ta' segretarja reżi mill-attriċi, u dan mingħajr preġudizzju għall-irkupru tal-ammonti rimanenti għall-konsulenza legali tagħha.

Illi minkejja diversi wegħdiet da parti tal-konvenut Zoltan Biro li hu kien ser jeffetwa l-ħlas, il-konvenuti baqgħu għal kollox inadempjenti, u qatgħu kull kuntatt jew komunikazzjoni mal-attriċi.

Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u fir-rigward ta' liem, sa fejn taf l-attriċi, il-konvenuti ma għandhomx eċċezzjonijiet validi fil-liġi xi tressaq kontra t-talba.

**<u>Raġuni tat-Talba:-</u>**

Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi mill-attriċi sabiex iħallsu l-bilanċ dovut minnhom *in solidum* fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u tmenin Ewro (€26,380), huma baqgħu inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u għalhekk jeżistu l-elementi kollha preskritti mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-*Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili* (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex it-talbiet tal-attriċi jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża billi sa fejn taf l-attriċi, il-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu.

għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tilqa' t-talba tal-attriċi u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri *in solidum* tal-attrici fis-somma ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u tmenin Ewro (€26,380), liema ammont jirrappreżenta bilanċ dovut fuq diversi servizzi ta' konsulenza u assistenza legali, kif ukoll għal servizzi reżi mill-attriċi fil-kapaċita tagħha bħala provditriċi ta' servizzi lil kumpanniji;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu lill-attriċi dik is-somma ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u tmenin Ewro (€26,380).

   Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ppreżentata mill-attriċi nhar il-15 ta' Marzu 2024, bin-numru ta' riferenza 635/2024, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat mill-attriċi ukoll fil-15 ta' Marzu 2024, bin-numru ta' riferenza 621/2024, u kif ukoll bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

2. Rat id-dokumenti u l-affidavit mehmuża mar-rikors ġuramentat;

3. Rat illi l-konvenuti, għalkemm ġew debitament notifikati bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, ma dehrux sabiex juru lill-Qorti li għandhom eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba tal-attriċi, minkejja li ssejħu diversi drabi;

Ikkunsidrat:

4. Illi la darba l-konvenuti ma dehrux sabiex jikkontestaw it-talbiet, u la darba wkoll ir-rikors ġuramentat iħares dak li jipprovdu l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti għandha tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ kif qed isir bil-preżenti sentenza.

5. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

   (i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ skont l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

   (ii) tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri *in solidum* tal-attrici fis-somma ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u tmenin Ewro (€26,380), liema ammont jirrappreżenta bilanċ dovut fuq diversi servizzi ta' konsulenza u

assistenza legali, kif ukoll għal servizzi reżi mill-attriċi fil-kapaċita tagħha bħala provditriċi ta' servizzi lil kumpanniji;

(iii) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu lill-attriċi dik is-somma ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u tmenin Ewro (€26,380), bl-imgħax mit-13 t'Ottubru 2023 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iv) tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ispejjeż ta' din il-kawża kif ukoll tal-ittra uffiċjali ppreżentata mill-attriċi nhar il-15 ta' Marzu 2024, bin-numru ta' riferenza 635/2024, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat mill-attriċi ukoll fil-15 ta' Marzu 2024, bin-numru ta' riferenza 621/2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur